MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Numru. 644/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**VS**

**BRIAN PACE**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brian Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 377378 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Nhar il-25 ta` Lulju, 2007, ghal habta tas-saghtejn nieqes kwart ta` wara nofsinhar (13:45pm), mill-hanut **Sound Machine**, li jinsab fil-pjazza Antoine De Paule,

gewwa Rahal Gdid, flimkien ma` persuni ohra, ikkommett s-serq ta` seba` *portable radios* ta` l-ghamla **Irradio**, **Philips** u **Conix**, mudelli u numri tas-serje mhux maghrufa, kif ukoll zewg *Coffee Makers* tal-ghamla **Thermozeta**, liema valur ta` tali oggetti jammonta ghal madwar mitejn u sebghin ewro (€270), ghad-dannu ta` Mark Pierre Galea minn Marsascala u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur u dan bi ksur ta` l-artikli 263 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. U aktar akkuzat talli fl-istess data, hin u lok, flimkien ma` persuni ohra, ikkawza hsarat volontarji fuq il-bieb tal-hgieg tal-hanut **Sound Machine**, li jinsab fil-pjazza Antoine De Paule, gewwa Rahal Gdid, liema hsara teccedi l-ghaxar Liri Maltin (LM10) izda mhux izjed minn hamsin Lira Maltin (LM50), ghad-deteriment ta` Mark Pierre Galea minn Marsascala u persuni ohra u dana bi ksur ta` l-artikolu 325 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, xjentement, f'Malta, laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u dana bi ksur ta` l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

4. Akkuzat talli, nhar il-25 ta` Lulju, 2007, u fil-granet u x-xhur ta` qabel, f'dawn il-gzejjer, saq vettura ta` l-ghamla **Daihatsu**, mudell **Charade**, ta` lewn griz u li ghandha n-numru ta` registrazzjoni FAR-903, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji, u b'hekk ma kienx assigurat kontra terzi persuni ma` kumpanija ta` l-assigurazzjoni u dana bi ksur ta` l-artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. U aktar talli sar recidiv ai termini ta` l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta` Malta b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

6. Barra minn hekk, akkuzat talli kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Magistrat Dr. Anthony Vella, LL.D., fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-8 ta` Marzu, 2007.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghas-sigurta` ta` dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet ukoll mitluba gentilment sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta` l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex, f'kaz ta` htija, tordna l-konfiska tal-vettura ta` l-ghamla **Daihatsu**, mudell **Charade** u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni FAR-903 u dan skont l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta` Brian Pace u dan skont kif inhu mitlub fl-Artikolu 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 23, 49, 50, 263, 267, 325 (c), 334, 533, 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-13 ta` Awwissu, 2007;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat huwa akkuzat b’diversi reati illi huma elenkati fl-att ta` akkuza.

Illi dina l-Qorti semghet ix-xhieda kollha pprezentata mill-Prosekuzzjoni u cioe` l-ufficjali tal-Pulizija investigattivi kif ukoll rat derubati u dawk illi sofrew id-danni.

Illi dina l-Qorti semghet ukoll ix-xhieda dwar l-akkuz ta` ricediva kif ukoll ezaminat is-sentenzi rilevanti li gew ipprezentati.

Illi d-difiza moghtija diversi opportunitajiet sbiex tressaq il-provi taghha u tipprezenta noti ta` sottomissjonijiet kif ukoll li taghmel il-trattazzjoni taghha, naqset milli taghmel dan.

Illi, fir-rigward tal-akkuzi addebitati lill-imputat, dina l-Qorti tiddikjara li hija sodisfatta li dawn gew ilkoll ippruvati.

Fir-rigward tal-ewwel akkuza, din il-Qorti ssib lill-imputat hat ital-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, u billi thoss li huwa kien inghata bizzejjed okkazjonijiet sabiex jifforma ruhu, izda kien jidher li dawn kienu kollha ghalxejn, tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija effettivi.

Fir-rigward tat-tieni akkuza, dina l-Qorti rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u torbot lill-imputat illi ma

jkellimx, ma jimmolestax u ma jdejjaqx bl-ebda mod lil Mark Pierre Galea.

Fir-rigward tat-tielet akkuza dina l-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura **Daihatsu**, mudell **Charade**, bin-numru tar-registrazzjoni FAR -903 u dan skont ma jghid l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fir-rigward tar-raba` akkuza l-Qorti ssib lill-imputat hati u tordnalu sabiex ihallas l-ispejjez tal-Periti Teknici f'din il-kawza u dan skont ma jghid l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fir-rigward tal-hames akkuza din il-Qorti sabet lill-imputat hati  u tordna s-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan u dan skont l-Artikolu 15 (2) tal-kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fir-rigward tas-sitt akkuza din il-Qorti tinnota li ma kienx hemm provi bizzejjed sabiex l-imputat jinstab hati tal-akkuza ta` ricettazzjoni u ghalhekk minnha tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------